MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2006

Numru. 9/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Gerreda Murad kif ukoll maghruf bhala Hadir Labyad, kif ukoll maghruf bhala Hadi Mohamed Alsnussi**
**Alabyad iben Mohammed u Hawwa, imwieled Betlehem,**
**Palestina fil-15 ta' Marzu, 1968 residenti il-lock up kif ukoll**
**Accomodation Centre Police General Headquarters, Floriana, bla passaport jew dokumenti ohra.**

**Illum 29 ta' Settembru, 2006.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Gerreda Murad kif ukoll maghruf bhala Hadir Labyad li gie akkuzat talli fit-28 ta' Mejju, 2005 u dati ta' wara, ghall-habta ta' 9.00 ta' filghaxija u hinijiet ta' wara, meta kien detenut fl-Accomodation Centre Floriana, ikkommetta harba mill-post tal-kustodja, liema harba saret bi ksur ta' dan il-post tal-kustodja. Dan bi ksur tal-artikolu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati u cioe mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti LL.D. fis- 7 ta' Ottubru, 2003, mill-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima LL. D. fl-24 ta' Novembru, 2003 kif ukoll mill-Magistrat Dr Abigail Lofaro LL. D. fil-25 ta' Novembru, 2003. Dan bi ksur tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat

Rat l-artikoli mibghuta mill-avukat Generali li tahthom huwa haseb li tista' tinstab htija u cioe 152, 49, 50, 31, 30 u 533 tal-Kapitlu 9.

Rat li l-akkuzat wiegeb li hu ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u li inoltre ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji moqrija l-istess artikoli (seduta 28/07/06).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mill-provi prodotti (xejn min-naha tad-Difiza kif del resto huwa dritt taghha) jidher li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-akkuzat harab minn post ta' detenzjoni.

Dan huwa fatt li jikkonfermah l-istess akkuzat fl-istqarrija minnu rilaxxata (vide fol 9).

Illi l-unika kontestazzjoni li jidher li hemm u dan kif irrizulta anke mit-trattazzjoni ta' l-abbli Avukat Difensur huwa l-fatt li qed tigi kkontestata l-fatt li kien l-akkuzat li kiser il-hgiega minn fejn huwa stess harab, dan in kwantu ghall-fatt li l-artikolu 152 tal-Kapitlu 9, jitkellem u jinkwadra harba minn lok ta' detenzjoni li tkun saret „... bi ksur tal-postijiet imsemmija."

Illi jirrizulta mill-fatti prodotti li t-tieqa sofriet certu ksur biex minnha hareg l-akkuzat. Jirrizulta wkoll illi fil-hin tal-harba kien hemm rifugjati ohra fil-vicinanzi tas-sit tal-harba (vide xhieda PC 998 fol 61). Illi ghalhekk ghalkemm il-ksur fit-tieqa jista' jkun prezunt li sar mir-rifugjati l-ohra nnifishom biex jghinu l-akkuzat, jew mill-akkuzat innifsu, dan jibqa' biss prezunzjoni. Ma hemm ebda prova ohra mqar cirkostanzjali li tmur kontra l-akkuzat f'dan l-fatt.

Illi ghaldaqstant il-Qorti b'applikazzjoni tal-fatt li l-piu comprende il meno, din il-Qorti ssibu hati ta' l-artikolu 152 tal-Kapitlu 9.

Ghandu jigi wkoll sollevat il-fatt illi f'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni u l-Avukat Generali lanqas ma kkunsidraw idoeneu illi l-akkuzat jigi addebitat b'reat ta' hsara volontarja.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 19 ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet (Sp. Sandro Zarb v Mohammed Tersi, Appell Kriminali Numru 257/2005 u dan in kwantu ghad-definizzjoni ta' „detainee" moghtija fl-artikolu 160 tal-Kapitlu 9 certament applikabbli ghall-kaz in dizamina.

Rat ukoll il-verbal tal-4 ta' April, 2006 (a fol 44) fejn id-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' l-prova ta' l-identita' tar-recidiva fir-rigward tas-sentenzi esebiti.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 152, 49, 50,. 31 tal-Kapitlu 9. Ikkonsidrat illi dan ma kienx l-ewwel reat ta' l-

akkuzat ta’ din in-natura, tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tmintax-il xahar habs b’dan illi minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-akkuzat ghamel f’arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------